**MT**

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.7.2009
KUMM(2009) 313 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri**
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

## 1. INTRODUZZJONI

Fl-10 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat ir-rapport tagħha[1] dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE[2] li ppreżenta ħarsa ġenerali komprensiva lejn kif id-Direttiva qed tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali u kif qed tiġi applikata fil-ħajja ta' kuljum.

Ir-rapport wasal għall-konklużjoni li t-traspożizzjoni ġenerali tad-Direttiva kienet pjuttost diżappuntanti, speċjalment fejn jidħol il-Kapitolu VI *(li jistabbilixxi d-dritt tal-Istati Membri li jirrestrinġu d-dritt ta' ċittadini tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom abbażi ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika)* kif ukoll l-Artikolu 35 *(li jawtorizza lill-Istati Membri li jadottaw miżuri biex ma jħallux li jsir l-abbuż u l-frodi, bħal fil-każ ta' żwiġijiet ta' konvenjenza)*.

Il-Kummissjoni fir-rapport tagħha ħabbret l-intenzjoni tagħha li toffri informazzjoni u assistenza sew lill-Istati Membri kif ukoll liċ-ċittadini tal-UE billi toħroġ linji-gwida fl-ewwel nofs tal-2009 dwar il-kwistjonijiet identifikati bħala problematiċi fit-traspożizzjoni jew l-applikazzjoni. Din l-intenzjoni ntlaqgħet tajjeb mill-Kunsill[3] u mill-Parlament Ewropew[4]. Il-linji-gwida jiddikjaraw il-veduti tal-Kummissjoni u huma mingħajr ħsara għall-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja *("il-Qorti")* u l-iżvilupp tagħha.

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tipprovdi gwida xierqa lill-Istati Membri dwar kif għandha tiġi applikata tajjeb id-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri; bil-għan ikun li jinkiseb titjib tassew għaċ-ċittadini kollha tal-UE, u biex l-UE issir żona ta' sigurtà, libertà u ġustizzja.

Ir-rapport jidentifika wkoll problemi li spiss jinqalgħu dwar id-dritt ta' dħul u ta' reżidenza ta' membri tal-familji ta' ċittadini tal-UE li jkunu ċittadini ta' pajjiż terz, u dwar ir-rekwiżiti li mal-applikazzjonijiet għal reżidenza jiġu ppreżentati dokumenti addizzjonali mhux previsti fid-Direttiva. Il-Kummissjoni ħabbret fir-rapport li hija se żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura li d-Direttiva tkun trasposta u implimentata kif suppost. Sabiex jinkiseb dan il-għan, il-Kummissjoni se tkompli tinforma liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva,

---

[1] COM(2008) 840 finali

[2] Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu u jirrisjedu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri.

[3] Il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill ĠAI f'Novembru 2008 u Frar 2009.

[4] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE (2008/218(INI))

b'mod partikolari billi tqassam gwida ssimplifikata għal ċittadini tal-UE u billi tagħmel użu aħjar mill-Internet. Barra minn dan, il-Kummissjoni se jkollha laqgħat bilaterali mal-Istati Membri biex tiddiskuti kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u applikazzjoni u se tuża l-poteri kollha li għandha skont it-Trattat.

Illum aktar minn 8 miljun ċittadin tal-Unjoni ħadu vantaġġ mid-dritt tagħhom li jmorru u jirresjedu liberament u issa jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni. Il-moviment liberu taċ-ċittadini jikkostitwixxi wieħed mil-libertajiet fundamentali tas-suq intern u huwa fil-qalba tal-proġett Ewropew. Id-Direttiva 2004/38/KE kkodifikat u ġeddet l-istrumenti Komunitarji eżistenti sabiex tissimplifika u ssaħħaħ id-dritt ta' moviment u residenza liberi għal ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom. Bħala kumment ġenerali, il-Kummissjoni tfakkar li d-Direttiva għandha tiġi interpretata u applikata skont id-drittijiet fundamentali[5], b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, tad-drittijiet tat-tfal u tad-dritt għal rimedju effettiv kif garantit fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem *(ECHR)* u kif rifless fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali.

Il-libertà tal-moviment tal-persuni hija waħda mill-pedamenti tal-UE. Għaldaqstant, id-derogi minn dak il-prinċipju għandhom jingħataw interpretazzjoni dejqa[6]. Madankollu, id-dritt tal-libertà tal-moviment fi ħdan l-UE mhux wieħed mingħajr limitu u jġorr miegħu obbligi min-naħa ta' dawk li jgawdu minnu, ħaġa li timplika li dawn għandhom jobdu l-liġijiet tal-pajjiż li qed jospitahom.

## 2. Ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jkunu ċittadini ta' pajjiż terz – Dħul u reżidenza

Id-Direttiva[7] tapplika biss għal ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu lejn, jew jirresjedu fi, Stat Membru barra minn dak li tiegħu huma ċittadini, u għall-membri tal-familja tagħhom li jkunu, jew jingħaqdu, magħhom.

*T., ċittadina minn pajjiż terz, ilha tirresjedi fl-Istat Membru ospitanti għal xi żmien. Hija trid li magħha jingħaqad żewġha, ċittadin ta' pajjiż terz. Peress li m'hemm l-ebda ċittadin tal-UE involut, il-koppja ma tistax tibbenefika mid-drittijiet skont id-Direttiva u hu għal kollox f'idejn l-Istat Membru kkonċernat li jistabbilixxi regoli dwar id-dritt ta' konjuġi minn pajjiżi terzi li jingħaqdu ma' ċittadini oħra minn pajjiżi terzi, b'mod li jieħdu f'kunsiderazzjoni strumenti oħra tal-liġi Komunitarja, jekk ikun xieraq.*

Iċ-ċittadini tal-UE li jirresjedu fl-Istati Membri taċ-ċittadinanza tagħhom normalment ma jibbenefikawx mid-drittijiet mogħtija mil-liġi Komunitarja dwar il-moviment ħieles tal-persuni u l-membri tal-familja tagħhom li jkunu ċittadini ta' pajjiż terz, jibqgħu jiġu koperti mir-regoli nazzjonali dwar l-immigrazzjoni. Madankollu, ċittadini tal-UE li jirritornaw lejn l-Istat Membru tagħhom wara li jkunu għexu fi Stat Membru ieħor[8] u f'ċerti ċirkostanzi anki dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu fi Stat

[5] Il-Kawżi C-482/01 u C-493/01 *Orfanopoulos and Oliveri* (paras 97-98) u C-127/08 *Metock* (para 79)
[6] Il-kawżi 139/85 *Kempf* (para 13) u C-33/07 *Jipa* (para 23)
[7] Artikolu 3(1)
[8] Il-Kawża C-370/90 *Singh* u C-291/05 *Eind*.

Membru ieħor mingħajr ma rresjedew hemm[9] *(pereżempju billi pprovdew servizzi fi Stat Membru ieħor mingħajr ma għexu hemm)* jibbenefikaw ukoll mir-regoli dwar il-moviment liberu tal-persuni.

*P. jirresjedi fl-Istat Membru tiegħu. Hu kuntent hemm u qatt ma' għex fi Stat Membru ieħor. Meta jkun irid iġib lil martu, li hi ċittadina ta' pajjiż terz, il-koppja ma tistax tgawdi mid-drittijiet skont id-Direttiva u hu għal kollox f'idejn l-Istat Membru kkonċernat li jistabbilixi regoli dwar id-dritt ta' konjuġi minn pajjiżi terzi li jingħaqdu ma' dawk li huma ċittadini tal-istess Stat.*

Ħaddiema tal-fruntiera huma koperti mil-liġi Komunitarja fiż-żewġ pajjiżi *(bħala ħaddiem migrant fl-Istat Membru fejn huwa impjegat u bħala persuna awtosuffiċjenti fl-Istat Membru ta' reżidenza).*

## 2.1. Membri tal-familja u benefiċjarji oħra

### *2.1.1. Konjuġi u msieħba*

Żwiġijiet li jsiru b'mod validu, ikun fejn ikun fid-dinja, għandhom, bħala prinċipju, jingħataw għarfien għall-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. **Żwieġ sfurzat**, li fih parti waħda jew iż-żewġ partijiet, jidħlu fiż-żwieġ mingħajr il-kunsens tiegħu jew tagħha, jew kontra l-volontà tiegħu jew tagħha, mhux imħares bil-liġi internazzjonali[10] jew b'dik tal-Komunità. Għandha ssir distinzjoni bejn żwiġijiet sfurzati u **żwiġijiet arranġati**, fejn iż-żewġ partijiet ikunu taw il-kunsens sħiħ u ħieles tagħhom għaż-żwieġ, għalkemm parti terza tkun ħadet rwol ewlieni fl-għażla tas-sieħeb jew sieħba, u minn żwiġijiet ta' konvenjenza, kif definiti fis-Sezzjoni 4.2 aktar 'l isfel.

L-Istati Membri mhumiex obbligati li jagħtu għarfien lil **żwiġijiet poligami**, li jkunu saru skont il-liġi f'pajjiż terz, u li jistgħu jkunu f'kunflitt mal-ordni legali ta' dak il-pajjiż stess[11]. Dan bla ħsara għall-obbligu li tittieħdet kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal minn dawn iż-żwiġijiet.

Id-Direttiva għandha tkun applikata skont il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni mnaqqax (jew minqux?) b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tal-Karta tal-UE.

Sħab li magħhom ċittadin tal-UE jkollu relazzjoni għat-tul *de facto*, li dwarha jkun hemm il-provi, huma koperti mill-Artikolu 3(2)(b). Persuni li jakkwistaw drittijiet skont id-Direttiva grazzi għall-istat tagħhom ta' **sħab għat-tul** jistgħu jintalbu jippreżentaw provi ddokumentati li huma sħab ta' ċittadini tal-UE u li r-relazzjoni hi għat-tul. Il-provi jistgħu jinkisbu permezz ta' kull mezz xieraq.

L-obbligu ta' relazzjoni għat-tul għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-għan tad-Direttiva li tinżamm l-għaqda tal-familja f'sens wiesa'[12]. Ir-regoli nazzjonali dwar kemm hi għat-tul ir-

---

9 Il-Kawżi C-60/00 *Carpenter*

10 *Inter alia* l-Artikolu 16(2) tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, jew l-Artikolu 16(1)(b) tal-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa

11 Każ quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem *Alilouch El Abasse v l-Olanda (*6 ta' Jannar 1992)

12 Inċiż 6

relazzjoni jistgħu jirreferu għal żmien minimu bħala kriterju dwar jekk relazzjoni tistax titqies bħala waħda għat-tul. Madankollu, f'dan il-każ, ir-regoli nazzjonali jkunu jridu jkunu tali li jipprevedu li aspetti relevanti oħra *(bħal pereżempju self bejn tnejn biex tinxtara dar)* jitqiesu wkoll. Kull ċaħda ta' dħul jew reżidenza għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ bil-miktub, u tkun soġġetta għall-appell.

*2.1.2. Il-membri tal-familja f'linja diretta*

Bla ħsara għal kwistjonijiet marbuta mal-għarfien ta' deċiżjonijiet ta' awtoritajiet nazzjonali, il-kunċett ta' **qraba diretti f'linji dixxendenti u axxendenti** jestendi għal relazzjonijiet adottivi[13] jew minuri li jkunu fil-kustodja ta' gwardjan legali permanenti. Tfal iffosterjati u ġenituri ta' tfal iffosterjati li jkollhom kustodja temporanja jista' jkollhom drittijiet skont id-Direttiva, skont kemm ikunu qawwija r-rabtiet fil-każ partikolari. Ma hemm l-ebda restrizzjoni fejn jidħol il-grad ta' qrubija. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jitolbu l-provi tar-relazzjoni familjari li tagħha jintalab għarfien.

Meta jkunu qed jimplimentaw id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom dejjem jaġixxu **fl-aħjar interessi tat-tfal**, kif stipulat fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989.

*2.1.3. Membri oħra tal-familja*

L-Artikolu 3(2)(a) ma jistipula l-ebda restrizzjoni fuq il-grad ta' qrubija meta jirreferi għal '**membri oħra tal-familja**'.

*2.1.4. Membri dipendenti tal-familja*

Skont il-każistika[14] tal-Qorti, l-istat ta' membru tal-familja '**dipendenti**' huwa r-riżultat ta' sitwazzjoni fattwali kkaratterizzata mill-fatt li ċ-ċittadin/a tal-UE jew martu/żewġha i/tkun qed ittih **sostenn materjali**[15]**.** L-istat ta' membri tal-familja dipendenti ma jippresupponix dritt ta' manteniment. Ma hemmx il-bżonn li jiġi eżaminat jekk il-membri tal-familja kkonċernati jkunux fit-teorija kapaċi li jmantnu lilhom infushom, pereżempju billi jkollhom impjieg bi ħlas.

Sabiex jiġi determinat jekk membri tal-familja jkunux dipendenti, għandu jiġi evalwat f'kull każ individwali jekk, meta jitqiesu l-kundizzjonijiet soċjali u finanzjarji tagħhom, dawn ikollhomx bżonn ta' sostenn materjali sabiex ikunu mħarsa l-bżonnijiet essenzjali tagħhom fil-pajjiż tagħhom ta' oriġini jew il-pajjiż li minnu jkunu ġew fil-mument meta jkunu applikaw biex jingħaqdu maċ-ċittadin tal-UE *(jiġifieri mhux fl-Istai Membru ospitanti fejn jgħix iċ-ċittadin tal-UE).* Fis-sentenzi tagħha dwar il-kunċett tad-dipendenza, il-Qorti ma rreferietx

13 Tfal adottivi huma mħarsa għal kollox permezz tal-Artikolu 8 tal-ECHR *(Kawżi fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem X v. Il-Belġju u l-Olanda (l-10 ta' Lulju 1975, X v Franza (il-5 ta' Ottubru 1982) kif ukoll X, Y u Z v ir-Renju Unit (it-22 ta' April, 1997).*

14 Il-kawżi 316/85 *Lebon* (para 22) u C-1/05 *Jia* (para 36-37)

15 Ma titteħditx f'kunsiderazzjoni d-dependenza emozzjonali, ara AG Tizzano fil-kawża C-200/02 *Zhu and Chen,* para 84

għal xi livell ta' għixien biex tiġi stabbilita l-ħtieġa ta' sostenn finanzjarju minn ċittadin tal-UE[16].

Id-Direttiva ma tistipulax xi rekwiżit fejn jidħol tul minimu ta' dipendenza jew l-ammont ta' sostenn materjali mogħti, sakemm id-dipendenza tkun ġenwina u ta' natura strutturali.

Membri tal-familja dipendenti huma obbligati li jippreżentaw provi ddokumentati tad-dipendenza tagħhom. Il-provi jistgħu jinġabru b'kull mezz xieraq, kif ikkonfermat mill-Qorti[17]. Meta l-membri tal-familja kkonċernati jkunu jistgħu jipprovdu provi tad-dipendenza tagħhom b'mezzi oħra barra minn dokument ta' ċertifikazzjoni maħruġ mill-awtorità relevanti tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-pajjiż li minnu l-membri tal-familja jkunu qed jaslu, l-Istat Membru ospitant ma jkunx jista' jiċħad li jagħraf drittijiethom. Madankollu, is-sempliċi intenzjoni ta' ċittadin tal-UE li jsostni l-membru tal-familja kkonċernat mhux biżżejjed fih innifsu biex tiġi stabbilita l-eżistenza tad-dipendenza.

Skont **l-Artikolu 3(2),** l-Istati Membri għandhom ċertu livell ta' diskrezzjoni meta jfasslu kriterji li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiddeċiedu jekk jagħtux id-drittijiet skont id-Direttiva lil "**membri tal-familja dipendenti oħra**". Madankollu, l-Istati Membri ma jgawdux libertà bla limitu fit-tfassil ta' dawn il-kriterji. Sabiex titħares l-għaqda tal-familja f'sens wiesa', il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprovdi għal eżaminazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi personali relevanti tal-applikanti kkonċernati, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni r-relazzjoni tagħhom maċ-ċittadin tal-UE jew xi ċirkostanzi oħra, bħad-dipendenza finanzjarja jew fiżika tagħhom, kif stipulat mill-Inċiż 6.

Kull deċiżjoni negattiva hija soġġetta għas-salvagwardji kollha materjali u proċedurali tad-Direttiva. Trid tkun ġustifikata bis-sħiħ bil-miktub u soġġetta għall-appell.

## 2.2. Dħul u residenza ta' membri tal-familja minn pajjiżi terzi

### *2.2.1. Viżi ta'dħul*

Kif stipulat mill-Artikolu 5(2), l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li membri tal-familja ġejjin minn pajjiżi terzi li jkunu se jmorru joqogħdu għand, jew jingħaqdu ma', ċittadin tal-UE li għalihom tapplika d-Direttiva, ikollhom viża ta' dħul. Dawn il-membri tal-familja għandhom mhux biss id-dritt li jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru, iżda wkoll **id-dritt li jiksbu viża ta' dħul**[18]**.** Dan jagħżilhom minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi, li m'għandhomx dan id-dritt.

Membri tal-familja minn pajjiżi terzi għandha tinħarġilhom **mill-aktar fis u abbażi ta' proċedura mħaffa viża ta' dħul għal żjara qasira, li tkun mingħajr ħlas.** B'analoġija mal-Artikolu 23 tal-Kodici tal-Viża[19], il-Kummissjoni tqis li dewmien ta' aktar minn erba' ġimgħat mhux aċċetabbli. L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jiggwidaw lill-membri tal-familja dwar liema tip ta' viża għandhom huma japplikaw għaliha, u ma jistgħux jeżiġu minnhom biex japplikaw għal viża ta' żjara twila, jew ta' residenza, jew ta' riunifikazzjoni tal-familja. L-Istati Membri għandhom jagħtu lil dawn il-membri tal-familja kull faċilità biex

16 It-test ta' dipendenza għandu b'mod ewlieni jkun ibbażat fuq jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi personali tagħhom, il-mezzi finanzjarji tal-membri tal-familja jkunux jippermettulhom li jgħixu fil-livell minimu ta' sussistenza fil-pajjiż ta' reżidenza normali tagħhom (AG Geelhoed in case C-1/05 *Jia*, para 96).

17 Il-kawżi C-215/03 *Oulane* (para 53) u C-1/05 *Jia* (para 41)

18 Il-Kawża C-503/03 *Il-Kummissjoni v Spanja* (para. 42)

19 COM(2006) 403 finali/2

jiksbu l-viżi meħtieġa. L-Istati Membri jistgħu jużaw linji tat-telefon apposta, jew is-servizzi ta' kumpanija esterna biex jagħmlu l-appuntamenti, iżda għandhom joffru l-possibbiltà ta' aċċess dirett għall-konsulat lill-membri tal-familja minn pajjiż terz.

Peress li d-dritt li tinħarġilhom il-viża ġej mir-rabta familjari ma' ċittadin tal-UE, l-Istati Membri jistgħu biss jeżiġu **l-preżentazzjoni ta' passaport validu u prova tar-rabta familjari**[20] *(kif ukoll tad-dipendenza, raġunijiet serji ta' saħħa, tisħib għat-tul, fejn ikun applikabbli).* Ma jistgħu jintalbu l-ebda dokumenti oħra, bħal ma hi prova ta' akkomodazzjoni, ta' riżorsi suffiċjenti, ittra ta' stedina jew biljett tar-ritorn.

L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu l-integrazzjoni ta' ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom minn pajjiż terz billi joffru korsijiet tal-lingwa, u korsijiet oħra b'xi għan partikolari, fuq bażi voluntarja[21]. Ma jista' jkun hemm l-ebda konsegwenza marbuta mal-fatt li wieħed ma jkunx irid jattendihom.

Karti ta' reżidenza maħruġa skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva *lil membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE li jirresjedi fl-Istat Membru ospitanti*, inklużi dawk maħruġa minn Stati Membri oħra, jeżentaw lill-detenturi tagħhom mill-obbligu tal-viża meta jivvjaġġaw flimkien maċ-ċittadin tal-UE jew jingħaqdu miegħu jew magħha fl-Istat Membru ospitanti.

Karti ta' reżidenza li ma jkunux inħarġu skont id-Direttiva jistgħu jeżentu lid-detentur mill-obblgu tal-viża skont ir-regoli ta' Schengen[22].

### *2.2.2. Karti ta' residenza*

Kif stipulat fl-Artikolu 10(1), id-dritt ta' residenza ta' membri tal-familja minn pajjiżi terzi huwa ppruvat bil-ħruġ ta' dokument li jissejjaħ *"Karta ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni"*. Id-denominazzjoni ta' din il-karta ta' residenza m'għandhiex tiddevja mill-kliem preskritt mid-Direttiva peress li titoli differenti jkunu jagħmulha materjalment impossibbli li l-karta ta' residenza tkun magħrufa fi Stati Membri oħra bħala karta li d-detentur tagħha jkun eżenti mill-obbligu tal-viża skont l-Artikolu 5(2).

Il-format tal-karta tar-residenza mhux stabbilit, b'mod li l-Istati Membri jistgħu jagħtuha l-format li jidhrilhom[23]. Madankollu, il-karta ta' residenza trid tinħareġ bħala dokument separat u mhux bħala *sticker* li jeħel mal-passaport, peress li dan jista' jwassal għal limitu fuq il-validità tal-karta, ħaġa li tkun tikser l-Artikolu 11(1).

Il-karta ta' residenza trid **tinħareġ fi żmien sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni.** L-iskadenza trid tkun interpretata fid-dawl tal-Artikolu 10 tat-Trattat tal-KE u l-perjodu

[20] L-Artikolu 8(5) u 10(2)

[21] Ara. L-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u –Kumitat tar-Reġjuni, dwar il-multilingwiżmu: Ġid għall-Ewropa u impenn konġunt (COM (2008) 566).

[22] L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) N° 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (*Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)*

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiz terz ma japplikax għal membri tal-familha ta' ċittadini tal-UE li jkunu qed jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu *(L-Artikolu 5)* u l-Artikolu 21 *tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.*

massimu ta' sitt xhur hu ġġustifikat biss fil-każ fejn l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tkun tinvoli kunsiderazzjonijiet ta' natura ta' politika pubblika[24].

**Il-lista ta' dokumenti**[25] għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni għal karta ta' residenza hija eżawrijenti, kif ikkonfermat fl-Inċiż 14. Ma jistgħu jintalbu l-ebda dokumenti addizzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li d-dokumenti jiġu **tradotti, insinwati jew legalizzati** meta l-awtorità nazzjonali kkonċernata ma tkunx tista' tifhem il-lingwa li biha d-dokument partikolari jkun miktub, jew ikollha suspett dwar l-awtentiċità tal-awtorità li tkun ħariġitu.

## 2.3. Residenza ta' ċittadini tal-UE għal aktar minn tliet xhur

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti jekk huma jkunu ekonomikament attivi hemmhekk. Studenti u ċittadini tal-UE li mhumiex ekonomikament attivi għandu jkollhom **riżorsi suffiċjenti** għalihom kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom sabiex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' assitenza soċjali tal-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta' reżidenza tagħhom u għandhom ikunu koperti minn **assikurazzjoni komprensiva tas-saħħa.**

**Il-lista ta' dokumenti** li għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni ta' residenza hija eżawrijenti. Ma jistgħu jintalbu l-ebda dokumenti addizzjonali.

### *2.3.1. Riżorsi suffiċjenti*

**Il-kunċett ta' 'riżorsi suffiċjenti'** għandu jkun interpretat fid-dawl tal-għan tad-Direttiva, jiġifieri dak li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu, sakemm il-benefiċjarji tad-dritt ta' reżidenza ma jsirux ta' piż mhux raġjonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istati Membru ospitanti.

L-ewwel pass sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' riżorsi suffiċjenti għandu jkun li jiġi stabbilit jekk iċ-ċittadin tal-UE *(kif ukoll il-membri tal-familja li bis-saħħa tiegħu jakkwistaw id-dritt ta' residenza)* ikunu jilħqu l-kriterji nazzjonali biex jikkwalifikaw għall-**benefiċċju bażiku ta' assistenza soċjali.**

Iċ-ċittadini tal-UE jkollhom riżorsi suffiċjenti meta l-livell tar-riżorsi tagħhom ikun ogħla mil-limitu li taħtu jingħata benefiċċju minimu ta' sussistenza mill-Istat Membru. Fejn dan il-kriterju ma jkunx applikabbli, għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-pensjoni minima ta' sigurtà soċjali.

L-Artikolu 8(4) jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jistabbilixxu ammont fiss biex jitqies bħala "riżorsi suffiċjenti", la direttament u lanqas indirettament, li taħtu jista' jiġi awtomatikament rifjutat id-dritt ta' residenza. L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-individwu kkonċernat. Għandhom jkunu aċċettati riżorsi minn terza persuna[26].

---

24 COM(1999)372 *(il-punt 3.2)*
25 Artikolu 10(2)
26 Il-Kawża C-408/03 *Il-Kummissjoni v il-Belġju* (para. 40 u ta' warajh)

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, fejn ikun hemm bżonn, jagħmlu verifiki dwar l-eżistenza tar-riżorsi, dawr kemm dawn ikunu legali, dwar kemm huma, u dwar kemm huma disponibbli. Mhemmx bżonn li r-riżorsi jkunu dħul perjodiku, u jistgħu jkunu fil-forma ta' kapital akkumulat. Il-provi dwar riżorsi suffiċjenti ma jistgħux ikunu limitati[27].

Meta jiġu biex jaraw jekk individwu li r-riżorsi tiegħu ma jistgħux aktar jitqiesu bħala suffiċjenti u li jkun qed ingħata l-benefiċċju minimu ta' sussistenza jkun, jew ikun sar **ta' piz mhux raġjonevoli,** l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom iwettqu test ta' proporzjonalità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw, pereżempju, skema bbażata fuq il-punti li sservi ta' indikazzjoni. L-Inċiż 16 tad-Direttiva 2004/38 tipprovdi għal ***tliet settijiet ta' kriterji*** għal dan il-għan:

**(1) it-tul**

- Għal kemm żmien qiegħed jingħata l-benefiċċju?
- Il-prospettivi: huwa probabbli li ċ-ċittadin tal-UE joħroġ mix-xibka tal-assistenza dalwaqt?
- Kemm kien ilu jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti?

**(2) is-sitwazzjoni personali**

- X'inhu l-livell ta' konnessjoni taċ-ċittadin/a tal-UE u tal-membri tal-familja tiegħu/tagħha mas-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti?
- Hemm xi kunsiderazzjonijiet fejn jidħlu età, stat ta' saħħa, sitwazzjoni familjari u ekonomika, li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni?

**(3) l-ammont**

- L-ammont totali tal-għajnuna mogħtija?
- Iċ-ċittadin tal-UE għandu storja ta' dipendenza qawwija fuq l-assistenza soċjali?
- Iċ-ċittadin tal-UE għandu storja ta' kontribuzzjoni għall-iffinanzjar tal-assistsenza soċjali fl-Istat Membru ospitanti?

Sakemm il-benefiċjarji tad-dritt ta' reżidenza ma jsirux ta' piż mhux raġjonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru ospitanti, huma ma jistgħux jitkeċċew għal din ir-raġuni[28].

Huwa biss id-dħul ta' benefiċċji ta' assistenza soċjali li jista' jiġi kkunsidrat relevanti biex jiġi determinat jekk il-persuna kkonċernata hix ta' piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali.

### *2.3.2. Assikurazzjoni għall-Mard*

Kull assikurazzjoni, privata jew pubblika, li ssir fl-Istat Membru ospitanti jew x'imkien ieħor, hija fil-prinċipju aċċettabbli, sakemm din tkun tagħti **kopertura komprensiva** u ma tkunx

---

27 Il-Kawża C-424/03 *Il-Kummissjoni v l-Italja* (para. 37)
28 Artikolu 14(3)

toħloq piż fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru ospitanti. Fil-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, filwaqt li jeżaminaw kemm hija komprensiva l-assikurazzjoni, l-Istati Membri għandhom jaġixxu skont il-limiti imposti mil-liġi tal-Komunità u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità[29].

Il-pensjonanti jissodisfaw il-kundizzjoni ta' assikurazzjoni għall-mard komprensiva jekk ikunu intitolati għal kura tas-saħħa f'isem l-Istat Membru li jħallsilhom il-pensjoni[30].

Il-Karta Ewropea tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa toffri kopertura komprensiva bħal din meta ċ-ċittadin tal-UE kkonċernat ma jmexxix ir-residenza fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 lejn l-Istat Membru ospitanti u jkollu l-intenzjoni li jmur lura, pereż. studji jew ippustjar lejn Stat Membru ieħor.

## 3. RESTRIZZJONIJIET TAD-DRITT TA' ĊAQLIEQ U RESIDENZA LIBERA FUQ IL-BAŻI TA' POLITIKA PUBBLIKA JEW TA' SIGURTÀ PUBBLIKA

Din is-sezzjoni tibni fuq il-Komunikazzjoni tal-1999[31] dwar il-miżuri speċjali dwar il-moviment u r-reżidenza ta' ċittadini tal-UE li jkunu ġġustifikati abbażi ta' politika pubblika, ta' sigurtà pubblika jew inkella ta' saħħa pubblika. Il-kontenut tal-Komunikazzjoni tal-1999 għadu ġeneralment validu, anki jekk jirreferu għad-Direttiva 64/221, li flokha daħlet id-Direttiva 2004/38. L-iskop ta' din is-sezzjoni huwa li jiġi aġġornat (*jew* biex jaġġorna l-) il-kontenut tal-Komunikazzjoni tal-1999 fid-dawl tal-każistika reċenti tal-Qorti u sabiex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet imqajjma matul il-proċess tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

**Il-libertà tal-moviment tal-persuni** hija waħda mill-pedamenti tal-UE. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet li jagħtu dik il-libertà **jridu jingħataw interpretazzjoni wiesgħa**, filwaqt li d-derogi minn dak il-prinċipju għandhom jiġu interpretati b'mod dejjaq[32].

### 3.1. Politka pubblika u sigurtà pubblika

L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-libertà ta' moviment ta' ċittadini tal-UE abbażi ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika. Il-Kapitolu VI tad-Direttiva japplika għal kull azzjoni meħuda abbażi ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika li taffettwa d-dritt ta' persuni li jaqgħu taħt id-Direttiva li jidħlu u li jirresjedu b'libertà fl-Istati Membru ospitanti taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat[33].

L-Istati Membri jżommu l-libertà li jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' politika pubblika u ta' sigurtà pubblika skont il-ħtiġijiet tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor minn żmien għall-ieħor. Madankollu, meta jagħmlu hekk fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva, għandhom jinterpertaw dawn ir-rekwiżiti b'mod dejjaq[34].

---

29 Il-Kawża C-413/99 *Baumbast* (para. 89-94)

30 L-Artikoli 27, 28 u 28a tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità. Mill-1 ta' Marzu 2010, ir-Regolament (KE) Nru 883/04 se jieħu postu iżda se jibqgħu japplikaw l-istess prinċipji.

31 COM(1999) 372

32 Il-kawżi 139/85 *Kempf* (para 13) u C-33/07 *Jip*a (para 23)

33 Il-Kawżi 36/75 *Rutili* (para. 8-21) u 30/77 *Bouchereau* (para. 6-24)

34 Il-Kawżi 36/75 *Rutili* (para 27), 30/77 *Bouchereau* (para 33) u C-33/07 *Jipa* (para 23)

Huwa kruċjali li l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod ċar l-interessi protetti tas-soċjetà u jagħmlu distinzjoni ċara bejn politika pubblika u sigurtà pubblika. Din tal-aħħar ma tistax tiġi estiża għal miżuri li għandhom jiġu koperti minn tal-ewwel.

**Is-sigurtà pubblika** hija ġeneralment interpretata bħala li tkopri sew is-sigurtà interna kif ukoll esterna[35] fil-linji tal-preservazzjoni tal-integrità tat-territorju ta' Stat Membru u tal-istituzzjonijiet tiegħu. **Il-politika pubblika** hija ġeneralment interpretata fuq il-linji tal-prevenzjoni ta' tħarbit tal-ordni soċjali.

Ċittadini tal-UE jistgħu jitkeċċew biss minħabba mġieba li tista' tiġi kkastigata bil-liġi tal-Istat Membru ospitanti jew fil-każi fejn ikunu ttieħdu miżuri oħra ġenwini u effettivi maħsuba biex tiġi miġġielda imġieba bħal din, kif ikkonfermat mill-każistika[36] tal-Qorti.

F'kull każ, in-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' reġistrazzjoni mhux ta' natura tali li fih innifsu hu ta' theddida għall-politika pubblika u s-sigurtà soċjali u ma jistax għalhekk minnu nnifsu jiġġustifika t-tkeċċija ta' persuna[37].

### 3.2. L-imġieba personali u t-theddida

Jistgħu jittieħdu miżuri restrittivi biss fuq il-bażi ta' każ b'każ meta l-imġieba personali ta' individwu tkun tirrappreżenta theddida ġenwina, preżenti u daqstant serja li tkun taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti[38]. Il-miżuri restrittivi ma jistgħux jiġu bbażati biss fuq kunsiderazzjonijiet marbuta mal-protezzjoni tal-politika pubblika jew tas-sigurtà pubblika promossi minn Stat Membru ieħor[39].

Il-liġi tal-Komuinità teskudi l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fuq **bażi preventiva ġenerali[40].** Il-miżuri restrittivi jridu jkunu bbażati fuq theddida konkreta u ma jistgħux jiġu ġġustifikati sempliċement b'riskju ġenerali[41]. Il-miżuri restrittivi bħala riżultat ta' sentenza kriminali ma jistgħux ikunu awtomatiċi u jridu jieħdu kont tal-imġieba personali ta' min jagħmel l-offiża u tat-theddida li hija tirrappreżenta għar-rekwiżiti ta' politika pubblika[42]. Ma jistgħux jinġiebu raġunijiet li mhumiex ta' **mġieba personali** ta' individwu. Tkeċċijiet awtomatiċi mhumiex permessi b'din id-Direttiva[43].

L-individwi jista' jkollhom id-drittijiet tagħhom ristretti biss jekk l-imġieba personali tagħhom tkun tirrappreżenta **theddida**, jiġifieri tindika l-probabbiltà ta' ħsara serja għar-rekwiżiti ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika.

Theddida li hija biss presunta ma titqiesx **ġenwina.** It-theddida trid tkun **preżenti.** L-imġieba passata tista' titqies biss meta jkun hemm il-probabbiltà ta' ripetizzjoni tal-offiża[44]. It-theddida trid tkun teżisti fil-mument meta tkun adottata l-miżura restrittiva mill-awtoritajiet

---

35 Il-Kawżi C-423/98 *Albor*e (para 18 u ta' warajh) u C-285/98 *Kre*il (para 15)
36 Il-Kawżi 115/81 *Adoui u Comuaille* (para. 5-9) u C-268/99 *Jany* (para 61)
37 Il-Kawża 48/75 *Royer* (para 51).
38 Il-kriterji kollha huma kumulattivi.
39 Il-Kawżi C-33/07 *Jipa* (para. 25) u C-503/03 *Il-Kummissjoni v. Spanja* (para 62).
40 Il-Kawża 67/74 *Bonsignore* (para. 5-7)
41 Il-prevenzjoni ġenerali f'ċirkustanzi speċifiċi, bħal fil-każ ta' avvenimenti sportivi, hija koperta mill-Komunikazzjoni tal-1999 (ara. L-punt 3.3)
42 Il-Kawżi C-348/96 *Calfa* (para 17-27) u 67/74 *Bonsignore* (para 5-7)
43 Il-Kawża C-408/03 *Il-Kummissjoni v. il-Belġju* (para 68-72)
44 Il-Kawża 30/77 *Bouchereau* (para. 25-30)

nazzjonali jew inkella meta tkun eżaminata mill-qrati[45]. Is-sospensjoni ta' sentenza tikkostitwixxi fattur importanti fl-evalwazzjoni tat-theddida peress li tindika li l-individwu kkonċernat m'għadux jitqies bħala periklu reali.

**Is-sħubija preżenti f'organizzazzjoni** tista' tittieħed f'kunsiderazzjoni meta l-individwu kkonċernat jipparteċipa fl-attivitajiet tal-organizzazzjoni u jidentifika ruħu mal-għanijiet jew il-pjanijiet tagħha[46]. L-Istati Membri m'għandhomx għalfejn jikkriminalizzaw jew jipprojbixxu l-attivitajiet ta' organizzazzjoni biex ikunu f'pożizzjoni li jirrestrinġu d-drittijiet skont id-Direttiva, sakemm ikun hemm xi miżuri amministrattivi biex jilqgħu għall-attivitajiet ta' dik l-organizzazzjoni. Rabtiet tal-passat[47] ma jistgħux, b'mod ġenerali, jikkostitwixxu theddida preżenti.

**Sentenza kriminali preċedenti** tista' tittieħed f'kunsiderazzjoni, iżda biss safejn iċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għal dik is-sentenza jkunu xhieda ta' imġieba personali li tikkostitwixxi theddida preżenti għar-rekwiżiti ta' politika pubblika[48]. L-awtoritajiet għandhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq evalwazzjoni tal-imġieba futura tal-individwu kkonċernat. L-għadd u x-xorta ta' sentenzi ta' qabel għandhom jifformaw element sinifikanti f'din l-evalwazzjoni u għandu jittieħed kont partikolari tas-serjetà u l-frekwenza tar-reati kommessi. Filwaqt li l-periklu li terġa tinkiser il-liġi huwa ta' importanza konsiderevoli, mhux biżżejjed il-possibbiltà remota ta' reati ġodda[49].

*A. u I. skontaw sentenza ta' sentejn ħabs minħabba serq. L-awtoritajiet jaraw jekk l-imġieba personali taż-żewġt aħwa bniet hix ta' theddida, jiġifieri jekk hux probabbli li jkun hemm ħsara ġdida u serja għall-politika pubblika.*

*Din kienet l-ewwel darba li A. ġiet ikkundannata. Fil-ħabs ġabet ruħha tajjeb. Mindu ħarġet mill-ħabs sabet taħdem. L-awtoritajiet ma jaraw li hemm xejn fl-imġieba tagħha li hu ta' theddida ġenwina, preżenti u biżżejjed serja.*

*Fil-każ ta' I., din kienet diġà r-raba' kundanna tagħha. Is-serjetà tar-reati tagħha kibret minn darba għall-oħra. L-imġieba tagħha fil-ħabs kienet ferm 'il bogħod milli tkun eżemplari u żewġ talbiet li ressqet biex tinħeles kienu ġew miċħuda. F'anqas minn ġimgħatejn inqabdet tippjana serqa oħra. L-awtoritajiet jikkonkludu li l-imġieba ta' I. hija theddida għall-politika pubblika.*

F'ċerti ċirkostanzi, **il-kriminalità żgħira persistenti** tista' tkun ta' theddida għall-politika pubblika, minkejja l-fatt li kull reat, meħud waħdu, ma jkunx biżżejjed biex ikun ta' theddida daqstant serja kif definit hawn fuq. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom juru li l-imġieba personali tal-individwu kkonċernat tkun ta' theddida għar-rekwiżiti tal-politika pubblika[50]. Meta jkunu qed jeżaminaw l-eżistenza tat-theddida għall-politika pubblika f'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet jistgħu b'mod partikolari jieħdu f'kunsiderazzjoni **l-fatturi** li ġejjin:

---

45 Il-Kawżi C-482/01 u C-493/01 *Orfanopoulos u Olivieri* (para 82)

46 Il-Kawża 41/74 *van Duyn* (para 17 u ta' warajh)

47 *Ibid.*

48 Il-Kawżi C-482/01 u C-493/01 *Orfanopoulos u Oliveri* (paras 82 u 100*)* u C-50/06 *Il-Kummissjoni v. l-Olanda* (para 42-45)

49 Pereżempju, il-periklu ta' offiża mill-ġdid jista' jitqies bħala akbar fil-każ ta' dipendenza mid-droga jekk ikun hemm riskju ta' aktar reati kriminali oħra kommessi sabiex id-dipenenza tiġi fffinanzjata. AG Stix-Hackl fil-Kawżi konġunti iC-482/01 u C-493/01 *Orfanopoulos u Oliveri*

50 Il-Kawża C-349/06 *Polat* (para 35)

- in-natura tar-reati;
- kemm-il darba saru;
- il-ħsara u d-danni li kkawżaw.

L-eżistenza ta’ sensiela ta’ sentenzi, fiha nfisha, mhix biżżejjed.

### 3.3. Evalwazzjoni tal-proporzjonalità

Il-Kapitolu VI tad-Direttiva ma jistax jitqies bħala li jimponi prekundizzjoni għall-akkwist u l-manteniment tad-dritt tad-dħul u tar-reżidenza, iżda li jipprovdi b'mod esklussiv il-possibbiltà li jiġi ristrett, fejn ikun ġustifikabbli, l-eżerċizzju tad-dritt li ġej dirett mit-Trattat[51].

Darba li l-awtoritajiet ikunu stabbilew li l-imġieba personali tal-individwu tkun ta' theddida li tkun serja biżżejjed li tiġġustifika miżura restrittiva, huma għandhom iwettqu **valutazzjoni ta’ proporzjonalità** biex jiddeċiedu jekk il-persuna kkonċernata jistax jinċaħdilha d-dħul jew tiġi mkeċċija abbażi ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jidentifikaw interessi protetti. Huwa fid-dawl ta’ dawn l-interessi li għandhom jagħmlu analiżi tal-karatteristiċi tat-theddida. Jistgħu jitqiesu **l-fatturi** li ġejjin:

- il-grad ta' periklu soċjali li jkun ġej mill-preżenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;
- in-natura tal-attivitajiet li joffendu, kemm-il darba saru, il-periklu kumulattiv u l-ħsara kkawżata;
- iż-żmien li jkun għadda minn mindu jkunu twettqu l-atti u l-imġieba tal-persuna kkonċernata *(Nota: anki l-imġieba tajba l-ħabs u l-possibbiltà ta’ ħelsien b’kundizzjoni tista' tittieħed f’kunsiderazzjoni).*

Is-sitwazzjoni personali u familjari tal-individwu kkonċernat għandha tiġi mgħarbla bir-reqqa bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk il-miżura li jkun hemm il-ħsieb li tittieħed tkunx xierqa u ma tkunx tmur lil hinn minn dak li jkun strettament meħtieġ biex jinkiseb l-għan mixtieq, u jekk hemmx miżuri anqas ristrettivi biex jintlaħaq dak il-għan. **Il-fatturi** li ġejjin, imfissra f’lista indikattiva fl-Artikolu 28(1), għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni[52]:

- l-impatt tat-tkeċċija fuq il-ħajja ekonomika, personali u familjari tal-individwi *(inkluż fuq membri oħra tal-familja li altrimenti jkollhom id-dritt li jibqgħu fl-Istat Membru ospitanti);*
- il-livell ta’ serjetà tad-diffikultajiet li mart/żewġ il-persuna u t-tfal tagħhom jista’ jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom fil-pajjiż ta’ oriġini tal-persuna kkonċernata;

51 Il-Kawża 321/87 *Il-Kummissjoni v. il-Belġju* (para. 10)

52 F’rabta mad-drittijiet fundamentali, ara l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawzi *Berrehab, Moustaquim, Beld joudi, Boujlifa, El Boujaidi* u *Dalia.*

- is-saħħa tar-rabtiet *(qraba, żjarat, ħiliet lingwistiċi)* − jew nuqqas ta' rabtiet − mal-Istat Membru ta' oriġini u mal-Istat Membru ospitanti *(pereżempju, il-persuna kkonċernata twieldet fl-Istat Membru ospitanti jew tkun għexet hemm sa minn età żgħira);*
- it-tul ta' żmien ta' reżidenza fl-Istat Membru ospitanti *(is-sitwazzjoni ta' turist hi differenti mis-sitwazzjoni ta' xi ħadd li jkun għex għal ħafna snin fl-Istat Membru ospitanti);*
- l-età u l-istat ta' saħħa.

### 3.4. Protezzjoni aħjar kontra l-esplusjoni

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jkunu reżidenti permanenti *(wara ħames snin)* fl-Istati Membru ospitanti jistgħu jitkeċċew biss minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika. Iċ-ċittadini tal-UE li jkunu ilhom aktar minn għaxar snin u t-tfal jistgħu jitkeċċew biss minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika li ma jistgħux jitwarrbu *(mhux raġunijiet ta' politika pubblika).* Għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn raġunijiet normali, 'serji' u 'li ma jistgħux jitwarrbu' li minħabba fihom tkun tista' tittieħed deċiżjoni ta' tkeċċija.

Bħala regola, l-Istati Membri mhumiex obbligati li jikkunsidraw **iż-żmien li realment ġie skontat fil-ħabs** meta jikkalkulaw il-perjodu ta' reżidenza skont l-Artikolu 28 meta ma jkunux inbnew konnessjonijiet mal-Istat Membru ospitanti.

### 3.5. Urġenza

Skont l-Artikolu 30(3), iż-żmien allokat biex wieħed iħalli t-territorju għandu jkun ta' mill-anqas xahar, ħlief f'każijiet ta' **urġenza** li jkunu ssostanzjati kif xieraq. Il-ġustifikazzjoni ta' tkeċċija urġenti trid tkun ġenwina u proporzjonata[53]. Meta jkunu qed jevalwaw il-ħtieġa li jnaqqsu dan il-perjodu f'każijiet ta' urġenza, l-awtoritajiet iridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-impatt ta' tkeċċija immedjata jew urġenti fuq il-ħajja personali u familjari tal-persuna kkonċernata *(pereż.il-ħtieġa li jagħti avviż ta' tmiem ix-xogħol, itemm kirja, il-ħtieġa li jara kif se jieħu l-affarijiet personali tiegħu lejn fejn se jmur joqgħod, l-edukazzjoni tat-tfal, eċċ.)* L-adozzjoni ta' miżura ta' tkeċċija minħabba raġunijiet li ma jistgħux jiġu evitati, jew raġunijiet serji, ma jfissirx neċessarjament li jkun hemm l-urġenza. L-evalwazzjoni tal-urġenza trid tkun issostanzjata b'mod ċar u b'mod separat.

### 3.6. Salvagwardji proċedurali

Il-persuna kkonċernata għandha dejjem tkun notifikata b'kull miżura meħuda minħabba raġuni ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika, kif meħtieġ mill-Artikolu 30.

Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu mmotivati u jkun fihom ir-raġunijiet kollha speċifiċi, fattwali u legali li minħabba fihom ikunu ttieħdu b'mod li l-persuna kkonċernata tkun tista' tieħu passi effettivi biex taħseb għad-difiża tagħha[54] u l-qrati nazzjonali jistgħu jistħarrġu l-każ skont id-dritt għal rimedju effettiv, li huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità kif riflessa fl-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE. F'dan is-sens, jistgħu jintużaw formoli biex jiġu nnotifikati d-deċiżjonijiet iżda dawn għandu dejjem ikollhom spazju fejn titniżżel il-

---

[53] AG Stix-Hackl fil-kawża C-441/02 *Il-Kummissjoni v. il-Ġermanja*

[54] Il-Kawża 36/75 *Rutili* (para. 37-39)

ġustifikazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li minħabba fihom tkun ittieħdet id-deċiżjoni *(is-sempliċi indikazzjoni ta' għażla waħda jew aktar sempliċement billi tiġi mmarkata kaxxa mhix aċċettabbli).*

## 4. ABBUŻ U FRODI

**Fkaż ta' abbuż wieħed ma jistax iserraħ fuq il-liġi tal-Komunità[55].** L-Artikolu 35 jippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi u neċessarji fil-glieda kontra l-abbuż u l-frodi f'oqsma li jaqgħu fi ħdan l-ambitu materjali tal-liġi tal-Komunità dwar il-moviment liberu tal-persuni billi jirrifjutaw, jitterminaw jew jirtiraw kull dritt mogħti bid-Direttiva fil-każ ta' abbuż minn drittijiet jew minħabba frodi, bħal fil-każ ta' żwiġijiet ta' konvenjenza. Kull miżura bħal din trid tkun proporzjonata u soġġetta għal salvagwardji proċedurali pprovduti fid-Direttiva[56].

**Il-liġi tal-Komunità tippromwovi l-mobbiltà ta' ċittadini tal-UE u tipproteġi lil dawk li jkunu għamlu użu minnha[57].** Ma jkun hemm l-ebda abbuż meta ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jiksbu d-dritt ta' reżidenza skont il-liġi tal-Komunità fi Stat Membru barra minn dak tan-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE peress li jkunu qed jibbenefikaw minn vantaġġ inerenti fl-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu protett bit-Trattat[58], irrispettivament minn x'inhu l-iskop taċ-ċaqlieq tagħhom lejn dak l-Istat[59]. Bl-istess raġunar, il-liġi tal-Komunità tipproteġi liċ-ċittadini tal-UE li jirritornaw lejn pajjiżhom wara li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment ħieles.

### 4.1. Il-kunċetti ta' abbuż u ta' frodi

#### *4.1.1. Frodi*

Għall-iskopijiet tad-Direttiva, wieħed jista' jiddefinixxi **frodi** bħala l-qerq intenzjonat jew pjan magħmula biex jinkiseb id-dritt ta' moviment u reżidenza liberi (skont id-Direttiva. Fil-kuntest tad-Direttiva, il-frodi x'aktarx li jkun limitat għall-falsifikazzjoni ta' dokumenti jew rappreżentazzjoni falza ta' fatt materjali konness mal-kundizzjonijiet tad-dritt ta' reżidenza. Persuni li jkun inħarġilhom dokument ta' reżidenza biss bħala riżultat ta' imġieba frawdolenti li dwarha jkunu nstabu ħatja jista' jkollhom id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva miċħuda, itterminati, jew irtirati[60].

#### *4.1.2. Abbuż*

Għall-iskopijiet tad-Direttiva, **l-abbuż** jista' jiġi ddefinit bħala imġieba artifiċjali li ssir **biss** bl-iskop li jinkiseb id-dritt ta' moviment u reżidenza liberi skont il-liġi tal-Komunità li, għalkemm formalment ikun josserva l-kundizzjonijiet imfissra mir-regoli tal-Komunità, ma jkunx konformi ma' dawk ir-regoli[61].

---

55 Il-Kawżi 33/74 *vanBinsbergen* (para 13), C-370/90 *Singh* (para 24) u C-212/97 *Centros* (para 24-25)
56 Il-Kawża C-127/08 *Metock* (para. 74-75)
57 Il-Kawżi C-370/90 *Smgh,* C-291/05 *Eind* u C-60/00 *Carpenter*
58 Il-Kawżi C-212/97 *Centros* (para. 27*)* u C-147/03 *Il-Kummissjoni v. L-Awstrija* (para 67-68)
59 Il-kawżi C-109/01 *Akrich* (para 55) u C-1/*05 Jia* (para 31)
60 Il-kawżi C-285/95 *Kol* (para 29) u C-63/99 *Gloszczuk* (para 75)
61 Il-Kawżi C-110/99 *Emsland-Stärke* (para 52 u ta' warajh) u C-212/97 *Centros* (para 25)

## 4.2. Żwiġijiet ta’ konvenjenza

L-Inċiż 28 jiddefinixxi **ż-żwiġijiet ta’ konvenjenza** għall-iskop tad-Direttiva bħala żwiġijiet magħmula **biss** sabiex ikun jista’ jitgawda d-dritt tal-moviment u reżidenza liberi skont id-Direttiva li altrimenti ma jkunx jista’ jinkiseb. Żwieġ ma jistax jitqies bħala ta’ konvenjenza sempliċement għaliex bih jinkiseb vantaġġ fejn tidħol l-immigrazzjoni, jew tabilħaqq xi vantaġġ ieħor, ikun x’ikun. Il-kwalità tar-relazzjoni hija immaterjali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 35.

Id-definizzjoni ta’ żwieġ ta’ konvenjenza tista’ tiġi estiża b’analoġija għal forom oħra ta’ relazzjonijiet li jsiru biss għall-iskop tat-tgawdija tad-dritt tal-moviment u reżidenza liberi, bħal ma huma s-sħubija (reġistrata) ta’ konvenjenza, l-adozzjoni falza, jew meta ċittadin tal-UE jiddikjara li jkun il-missier ta’ wild minn pajjiż terz sabiex ikun jista’ jgħaddi n-nazzjonalità u d-dritt tar-reżidenza lill-wild u lill-omm, meta jaf li hu mhux il-missier u m'għandux l-intenzjoni li jieħu f'idejh id-dmirijiet tal-ġenitur.

Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fil-ġlieda kontra ż-żwiġijiet ta’ konvenjenza ma jistgħux ikunu tali li jtellfu lil ċittadini tal-UE u lill-membri tal-familji tagħhom milli jagħmlu użu mid-dritt tagħhom ta' moviment ħieles jew inkella li jkunu jtellfuhom mit-tgawdija tad-drittijiet leġittimi tagħhom. Huma m’għandhomx jimminaw l-effettività tal-liġi Komunitarja jew jiddiskriminaw fuq il-bażi ta’ nazzjonalità.

Meta jkunu qed jinterpretaw il-kunċett ta’ abbuż fil-kuntest tad-Direttiva, trid tingħata attenzjoni lill-istatus ta' ċittadin tal-UE. Skont il-prinċipju tas-supremazija tal-liġi tal-Komunità, l-evalwazzjoni dwar jekk il-liġi tal-Komunità tkunx ġiet abbużata trid issir fi ħdan il-qafas tal-liġi tal-Komunità, u mhux skont il-liġijiet nazzjonali tal-migrazzjoni. Id-Direttiva ma tipprojbix lill-Istati Membri milli **jinvestigaw każijiet individwali** fejn ikun hemm **suspett fondat sewwa ta’ abbuż.** Madankollu, il-liġi tal-Komunità tipprojbixxi l-verifiki sistematiċi[62]. L-Istati Membri jistgħu joqogħdu fuq l-analiżi u l-esperjenza li tkun saret qabel li turi korrelazzjoni ċara bejn każijiet ippruvati ta' abbuż u ċerti karatteristiċi ta' dawn il-każijiet.

Sabiex ma jinħolqux piżijiet u ostakoli żejda, huwa possibbli li jiġu identifikati ***sett ta’ kriterji indikattivi*** li jindikaw li ma jkunx hemm probabbiltà ta’ abbuż tad-drittijiet Komunitarji:

62 Il-projbizzjoni tinkludi mhux biss verifiki fuq l-immigranti kollha, iżda wkoll verifiki fuq gruppi sħaħ ta' immigranti (pereż. dawk li jkollhom oriġini etnika partikolari).

- il-miżżewweġ/a minn pajjiż terz ma jkollu/ha l-ebda problema għall-kisba tad-dritt ta' reżidenza bil-ħila tiegħu/tagħha waħedha, jew i/tkun diġà j/tgħix legalment fl-Istat Membru taċ-ċittadin tal-UE sa minn qabel;
- il-koppja tkun ilha f'relazzjoni għal żmien twil;
- il-koppja jkollha domiċilju/dar għal żmien twil[63];
- il-koppja jkollha diġà impenn serju għat-tul legali/finanzjarju b'responsabbiltajiet maqsuma *(self fuq dar, eċċ);*
- iż-żwieġ ikun ilu għal żmien twil.

L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu ***<u>sett ta' kriterji indikattivi</u>*** **li jindikaw il-possibbiltà li jkun hemm abbuż mid-drittijiet mogħtija bid-Direttiva għall-iskop biss ta' ksur tal-liġijiet tal-immigrazzjoni nazzjonali.** L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu b'mod partikolari jieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi li ġejjin:

- il-koppja qatt ma tkun iltaqgħet qabel iż-żwieġ;
- il-membri tal-koppja jkunu inkonsistenti dwar id-dettalji personali rispettivi tagħhom, dwar iċ-ċirkostanzi ta' kif iltaqgħu l-ewwel darba jew dwar informazzjoni oħra personali importanti dwarhom;
- il-membri tal-koppja ma jkunux jitkellmu lingwa li jifhmuha huma t-tnejn;
- prova ta' somma flus jew ta' rigali li jkunu ngħataw sabiex ikun jista' jsir iż-żwieġ *(bl-eċċezzjoni ta' flus u rigali mogħtija fil-forma ta' dota f'kulturi fejn dan issoltu jsir);*
- l-istorja fil-passat ta' wieħed jew waħda mill-konjuġi, jew tat-tnejn li huma, fejn hemm provi ta' żwiġijiet ta' konvenjenza li saru qabel jew forom oħra ta' abbuż u frodi sabiex ikun akkwistat id-dritt ta' reżidenza;
- l-iżvilupp ta' ħajja familjari biss wara li tkun adottata l-ordni ta' tkeċċija;
- il-koppja tiddivorzja ftit wara li ċ-ċittadin ikkonċernat tal-pajjiż terz ikun akkwista d-dritt ta' reżidenza.

Dawn il-kriterji ta' hawn fuq jistgħu jwasslu biex tinfetaħ investigazzjoni, mingħajr ma jkun hemm indikazzjonijiet awtomatiċi minn riżultati jew investigazzjonijiet sussegwenti. L-Istati Membri ma jistgħux joqogħdu fuq attribut wieħed biss; trid tingħata l-attenzjoni xierqa liċ-ċirkostanzi kollha tal-każ individwali. L-investigazzjoni tista' tinvolvi intervista separata ma' kull wieħed/waħda miż-żewġ miżżewġin (mill-miżżewġin).

---

63 Il-liġi tal-Komunità ma titlobx mill-konjuġi li ġejjin minn pajjiż terz li jkunu jgħixu maċ-ċittadin tal-UE sabiex ikun jistgħu jikkwalifikaw għad-dritt ta' reżidenza – il-kawża 267/83 *Diatta* (para 15 u ta' warajh)

*S., ċittadina ta' pajjiż terz, irċeviet l-ordni li titlaq fi żmien xahar peress li hija damet aktar milli kien permess fil-viża ta' turist li kellha. Wara ġimgħatejn hija żżewġet lil O., ċittadin tal-UE li kien għadu kif wasal fl-Istat Membru ospitanti. L-awtoritajiet jissuspettaw li ż-żwieġ seta' sar biss sabiex tiġi evitata t-tkeċċija. Huma jikkuntattjaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' O. u jiskorpu li wara ż-żwieġ il-ħanut tal-familja tiegħu fl-aħħar seta' jħallas dejn ta' 5,000 EUR, li għal sentejn ma setax jitħallas.*

*Huma jitolbu lill-miżżewġin friski biex jiġu għal intervista, li matulha huma jiskopru li O. sadanittant diġà kien telaq mill-Istat Membru ospitanti sabiex imur lura lejn pajjiżu fix-xogħol li kien jagħmel, li l-koppja mhix kapaċi tikkomunika b'lingwa waħda u li huma kienu ltaqgħu l-ewwel darba ġimgħa qabel iż-żwieġ. Hemm indikazzjonijiet qawwija li l-koppja żżewġet bl-uniku skop li jinkisru l-liġijiet tal-immigrazzjoni nazzjonali.*

**L-oneru tal-prova** jaqa' fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jkollhom l-għan li jirrestrinġu d-drittijiet skont id-Direttiva. L-awtoritajiet ikun jinħtiġilhom jibnu każ konvinċenti filwaqt li jirrispettaw is-salvagwardji materjali kollha deskritti fis-sezzjoni ta' qabel. Meta jsir appell, ikun dmir il-qrati nazzjonali li jivverifikaw l-eżistenza ta' abbuż f'każijiet individwali, li tiegħu jrid ikun hemm il-provi miksuba skont ir-regoli tal-liġijiet nazzjonali, sakemm l-effettività tal-liġi tal-Komunità ma' tkunx b'hekk imminata[64].

L-investigazzjonijiet iridu jsiru skont **id-drittijiet fundamentali**, b'mod partikolari skont l-Artikoli 8 *(id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata jew familjari)* u 12 *(id-dritt għaż-żwieġ)* tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem *(l-Artikoli 7 u 9 tal-Karta tal-UE).*

L-investigazzjoni li tkun għaddejja dwar każijiet suspetti ta' żwiġijiet ta' konvenjenza ma tistax tiġġustifika deroga mid-drittijiet ta' membri tal-famija li jkunu ġejjin minn pajjiż terz skont id-Direttiva, bħal ma huma projbizzjoni mid-dritt tax-xogħol, iż-żamma tal-passaport jew dewmien fil-ħruġ ta' karta ta' reżidenza fi żmien sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni. Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu rtirati f'kull mument bħala riżultat ta' investigazzjonijiet sussegwenti.

## 4.3. Forom oħra ta' abbuż

L-abbuż jista' jsir ukoll meta ċittadini tal-UE, li ma jkunux jistgħu jkollhom magħhom il-membri tal-familja tagħhom li ġejjin minn pajjiż terz fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom minħabba li l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali tal-immigrazzjoni ma tħallix li dan isir, imorru jgħixu fi Stat Membru ieħor bl-iskop biss li jevadu, hekk kif jirritornaw lejn l-Istat Membru tagħhom, il-liġi nazzjonali li tkun ġabet fix-xejn l-isforzi tagħhom li jirrijunifikaw lill-familja tagħhom, filwaqt li jinvokaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-Komunità.

Il-karatteristiċi li jiddefinixxu l-linja bejn użu ġenwin u użu abbusiv tal-liġi tal-Komunità għandhom ikunu bbażati fuq l-evalwazzjoni ta' jekk l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità fi Stat Membru li minnu ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jiġu lura kienx **ġenwin u effettiv.** F'każ bħal dan, ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom huma mħarsa mil-liġi Komunitarja dwar il-moviment liberu tal-persuni. Din l-evalwazzjoni tista' ssir biss skont kull każ individwali. Jekk, f'każ konkret ta' ritorn, l-użu ta' drittijiet tal-Komunità jkun ġenwin u effettiv, l-Istat Membru ta' oriġini m'għandux jitkixxef dwar ir-raġunijiet personali li jkunu wasslu għaċ-ċaqlieqa ta' qabel.

---

[64] Il-Kawżi C-110/99 *Emsland-Stärke* (para 54 ) u C-215/03 *Oulane* (para 56)

Meta jkun hemm bżonn, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu ***<u>sett ta' kriterji indikattivi</u>*** biex jevalwaw jekk **ir-reżidenza** fl-Istat Membru ospitanti kinitx **ġenwina u effettiva.** L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu b'mod partikolari jieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi li ġejjin:

- iċ-ċirkostanzi li fihom iċ-ċittadin tal-UE ikkonċernat ikun mar jgħix fl-Istat Membru ospitanti *(okkażjonijiet preċedenti fejn ipprova jakkwista reżidenza għal konjuġi minn pajjiż terz skont il-liġi nazzjonali, offerta ta' impjieg fl-Istai Membru ospitanti, il-kapaċità li fiha ċ-ċittadin tal-UE jgħix fl-Istat Membru ospitanti);*

- il-grad ta' effettività u ta' ġenwinità tar-reżidenza fl-Istat Membru ospitanti *(ħsieb ta', u reżidenza fattwali, fl-Istati Membru ospitanti, sforzi li saru biex dak li jkun jistabbilixxi ruħu fl-Istat Membru ospitanti, inkluż formalitajiet nazzjonali ta' reġistrazzjoni u l-kisba ta' akkomondazzjoni, il-kitba tat-tfal f'istituzzjoni edukattiva);*

- ċirkostanzi li fihom iċ-ċittadin tal-UE kkonċernat ikun mar jgħix x'imkien ieħor *(ritorn immedjatament wara ż-żwieġ ma' ċittadin/a ta' pajjiż terz fi Stat Membru ieħor).*

Dawn il-kriterji ta' hawn fuq jistgħu jwasslu biex tinfetaħ investigazzjoni, mingħajr ma jkun hemm indikazzjonijiet awtomatiċi minn riżultati jew investigazzjonijiet sussegwenti. Meta tkun qed issir l-evalwazzjoni dwar kemm l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u ta' reżidenza libera fi Stat Membru ieħor tal-UE kien ġenwin u effettiv, l-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx jistrieħu fuq attribut wieħed biss iżda jridu jagħtu każ kif imiss taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ individwali. Għandhom jevalwaw l-imġieba tal-persuni kkonċernati fid-dawl tal-għanijiet mixtieqa mil-liġi tal-Komnità u jaġixxu fuq il-bażi ta' provi oġġettivi[65].

*J. jirritorna f'pajjiżu minn Stat Membru ma' S., li hija martu minn pajjiż terz. S. ippruvat darbtejn, mingħajr suċċess, biex tikseb reżidenza fl-Istat Membru ta' J. L-imsemmi J. kompla jaħdem mid-dar matul ir-reżidenza allegata tiegħu fi Stat Membru ieħor.*

*L-awtoritajiet ikkuntattjaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti u skoprew li J. irritorna f'pajjiżu wara biss tliet ġimgħat. Il-koppja qagħdet f'lukanda tat-turisti u ħallset għat-tliet ġimgħat ta' akkomodazzjoni bil-quddiem. Meta jitqies dan kollu, J. u S. ma jibbenefikawx mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.*

Wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni li r-reżidenza fl-Istat Membru ospitanti mhix ġenwina u effettiva biss għaliex ċittadin tal-UE jżomm xi kuntatti mal-Istat Membru ta' oriġini, aktar u aktar jekk l-istatus tiegħu fil-pajjiż ospitanti mhux stabbli *(pereż. kuntratt ta' xogħol għal perjodu limitat).* Il-fatt innifsu li persuna konxjament tpoġġi lilha nnifisha f'sitwazzjoni li tagħtiha xi dritt ma jfissirx, fih innifsu, li jkun hemm biżżejjed raġuni biex wieħed jassumi li jkun sar abbuż[66].

Il-kunsiderazzjonijiet kollha relevanti mfissra hawn fuq dwar l-investigazzjonijiet, is-salvagwardji materjali u proċedurali, u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar iż-żwiġijiet ta' konvenjenza japplikaw *mutatis mutandis.*

65 Il-Kawża C-206/94 *Brennet v Paletta* (para. 25)
66 Il-Kawża C-212/97 *Centros* (para 27)

## 4.4. Miżuri u sanzjonijiet kontra l-abbuż u l-frodi

L-Artikolu 35 jippermetti lill-Istati Membri li jadottaw **il-miżuri neċessarji** fil-każ ta' abbuż mid-drittijiet jew ta' frodi. Dawn il-miżuri **jistgħu jittieħdu f'kull ħin** u jistgħu jinkludu:

- Iċ-ċaħda li jingħataw drittijiet skont il-liġi tal-Komunità dwar il-moviment liberu *(jiġifieri li tinħareġ viża tad-dħul jew karta ta' reżidenza)*;

- it-terminazzjoni jew l-irtirar ta' drittijiet skont il-liġi tal-Komunità dwar il-moviment liberu *(jiġifieri d-deċiżjoni biex tiġi tterminata l-validità ta' karta ta' reżidenza u biex titkeċċa l-persuna kkonċernata li tkun akkwistat id-drittijiet b'abbuż jew frodi).*

Il-liġi tal-Komunità bħalissa ma tipprovdix għal xi sanzjoni speċifika li l-Istati Membri jistgħu jieħdu fil-qafas tal-ġlieda kontra l-abbuż u l-frodi. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw sanzjonijiet skont il-liġi ċivili *(pereż. l-ikkanċellar tal-effetti ta' żwieġ ta' konvenjenza ppruvat fuq id-dritt ta' reżidenza),* amministrattiva jew kriminali *(multa jew priġunerija)*, sakemm dawn is-sanzjonijiet ikunu effettivi, mhux diskriminatorji u proporzjonati.